# Il-Milied

*Ta'* G. Stevens

Il-Milied! L-isem biss hu biżżejjed biex inissel fina ferħ kbir u tamiet ġodda ta' sliem u hena. Donnok mingħajr ma trid ma'li taqra jew tisma' l-kelma "Milied" tħoss fik fawra ta' hena li qisha ttik hjiel ta' l-hena qaddis li jsaltan fis-Sema.

Għaliex dil-kelma "Milied" għandha setgħa hekk qawwija biex tqajjem fina tqanqiliet hekk kbar?! Għaliex il-kelma "Milied" tfakkarna fi ġrajja divina, ġrajja ta' fidwa għalina l-bnedmin. U kważi l-ġnus kollha għarfu t-tifsira ta' din il-ġrajja, u għalhekk ma' l-erbat irjieħ tad-dinja l-festa tal-Milied hija meqjuma b'heġġa u fidi qawwija. Tolqtok u tgħaxxqek id-dehra tannies fil-knejjes b'għadd kbir miġbura tagħti qima u tiżżi ħajr lil Ġesù f'Jum Twelidu. U fuq wiċċ kulħadd taqra l-imħabba, il-għożża li għandu l-bniedem għal din il-festa, għax jemmen fil-kobor ta' tifsiritha.

Fid-djar jimraħ il-ferħ, għaliex il-festa tal-Milied hija l-festa tad-djar, il-festa tal-familji. Imżejna jkunu d-djar bi lwien imżewqa u dwal mhux tas-soltu. F'ħafna minnhom ma tarax tiżjin ta' lussu għax fihom ikun hemm imkenna familji foqra; imma wkoll fi djar ta' nies imċaħħda mill-ħteġiet tal-ħajja rari biex ma jkunx hemm xi bambin żgħir b'xemgħa quddiemu. U dan it-tiżjin fqajjar jixhed il-fidi, it-twemmin tal-bniedem fil-miġja ta' Kristu f'din id-dinja u s-siwi ta' din il-ġrajja.

Il-festa tal-Milied nistgħu ngħidu li hija l-festa tat-tfal ukoll. Arahom lit-tfal dak in-nhar b'wiċċhom imdawwal bil-ferħ u fuq fommhom it-tbissima ħelwa ta' l-anġli, jitgħaxxqu miġbura madwar xi presepju jew jedhew u jilagħbu bir-rigali li qalgħu. Hienja t-tfal ikunu fil-festa tal-Milied, għax din hija festa marbuta ma' qalbhom, il-festa li jistennew bla sabar.

Fuq kulħadd, fuq għonja u fqar, fuq kbar u żgħar, il-festa tal-Milied tnissel u żżid it-tama u l-hena. Id-dwejjaq u l-għeltijiet donnhom igħibu u jintesew:

> Għalxejn tgħaddi mimlija bin-niket
> Fuq il-bniedem il-mewġa tas-snin;
> Għalxejn rgħiba ta' saltna, ta' ħakma,
> Tqajjem l-aħwa biex jaqbdu f'xulxin;



> Kif int tersaq, ja lejla xitwija,
> Sa t-tfal tisraq is-siegħa tas-serħ.
> Bla ma jafu l-għaliex, bla ma jridu,
> Sa l-għedewwa tissieħeb fil-ferħ.

F'dawn il-versi l-poeta nazzjonali tagħna Dun Karm laqat tabilħaqq l-ispirtu tal-Milied. Huwa l-ispirtu li b'setgħa tal-għaġeb igħaqqad il-ħlejjaq qalb waħda u jkattar f'kulħadd it-tama. U f'dan iż-żmien kulħadd irodd ix-xewqat tajba u tħeġġeġ fih l-imħabba.

Fi żmienna l-wasla tal-Milied tqanqal fina tama speċjali, it-tama sabiħa li l-bniedem jeħles mnn gwerra oħra ta' ħsara u qirda, li tidher fuq ix-xefaq u fostna jsaltnu mill-ġdid is-sliem u l-paċi.

---

## DEBHA*

*Ta'* Val. V. Barbara, O.P.

> Le, mhux l-imrar u l-ħall li sqewh b'kull ħjiena
> Riedet dil-għajta li minn Qalb mimlija
> Bl-imħabba nstemgħet, ma fehmux il-ħżiena
> Ix-xewqa kbira f'dak il-għatx moħbija.
>
> Għatx ta' l-erwieħ b'dik l-għajta Ġesù wriena,
> W intom fhimtuha, żgħażagħ qalbenija,
> Taħt is-salib irsaqtu, kollkom ħniena,
> Biex tiġbru d-Demm u ssaqqu l-art mifdija.
>
> Ġerusalemm il-ġdida hienja semgħet
> Kelma minn fommkom, kull ħajr niżel fuqkom
> Xhin din kelmitkom lejn is-sema telgħet.
>
> Il-lum f'riġlejn il-midbaħ, fl-art mixħuta,
> Fl-hena ta' ruħkom intemmet xewqitkom:
> Qalbkom ma' Qalb Ġesù saret marbuta.

* F'jum il-wegħdiet solenni.